MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 30/1990/1

**Citazz nru 30/1990**

Victoria xebba Vella fil-kwalita' taghha ta' mandatarja ta' ommha Catherine Vella kif awtorizzata bis-sahha ta' prokura specjali transunta f'att pubbliku li jgib id-data tat-28 ta' Frar 1990 (atti Nutar Paul George Pisani) u markata bhala Dokument A fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni (numru 37/1990) fl-ismijiet: 'Victoria, xebba Vella, fil-kwalita taghha ta' mandatarja ta' ommha Catherine Vella, armla ta' Carmelo Vella, kif awtorizzata bis-sahha ta' prokura specjali transunta f'att pubbliku li jgib id-data tat-28 ta' Frar 1990 (atti Nutar Paul George Pisani) hawn annessa u markata bhala Dokument A

vs

1. Ministru ghall-Izvilupp tal-Infrastruttura;
2. Il-Ministru responsabbli mill-Artijiet;
3. Kummissarju tal-Artijiet.
4. Id-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni attrici li tghid hekk:

Illi l-attrici nomine hija proprjetarja ta' porzjoni raba li qeghdha f'Spring Street, Xaghra, Ghawdex tal-kejl ta' circa 375.4 metri kwadri, liema raba hija konfinanti mill-majjistral ma' sqaq, nofsinhar ma' Spring Street u tramuntana ma' beni ta' Vittoria Cremona;

Illi b'dikjarazzjoni pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern (Dikjarazzjoni numru 824) tal-20 ta' Dicembru 1988, il-Gvern ta' Malta akkwista ghall-skopijiet pubblici parti mill-istess raba tal-kejl ta' 90 metru kwadru u tmiss l-istess porzjon, akkwistata ghall-skopijiet pubblici, mill-punent ma' triq pubblika, grigal ma' proprjeta' ta' Victoria Cremona u xlokk ma' beni ta' Katerina Vella, u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tal-Gazzetta tal-Gvern, annessa mal-mandat ta' inibizzjoni numru 37/1990 fl-ismijiet "Victoria, xebba, Vella, fil-kwalita taghha ta' mandatarja ta' ommha Catherine Vella, kif awtorizzata bis-sahha ta' prokura specjali transunta f'att pubbliku li jgib id-data tat-28 ta' Frar 1990 (atti Nutar George Paul Pisani), hawn annessa u markata bhala document A -versus- Ministru ghall-Isvilupp tal-Infrastruttura, il-Ministru responsabbli ghall-Artijiet, Kummissarju tal-Artijiet u d-Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici" u markata bhala dokument B fl-istess mandat ta' inibizzjoni.

Illi fix-xoghlijiet li qeghdin jaghmlu l-haddiema tad-dipartiment tax-xoghlijiet pubblici, jirrizulta illi l-intimati nomine fil-fatt okkupaw 150 metri kwadri u mhux 90 metri kwadri kif huma hekk awtorizzati li jaghmlu bis-sahha tal-ordni ta' akkwisizzjoni ta' art ghall-skopijiet pubblici, hawn

fuq imsemmija, u barra minnha dina l-linja tal-isqaq, kif migbuda mill-istess haddiema tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici ma taqbilx ma' dik murija fl-"Updated Building Development Scheme" mahrug mit-Town Planning Division tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici u dana anke kif jirrizulta mir-rapport peritali tal-Perit Guido Vella A&C.E immarkat bhala dokument C fl-istess mandat ta' inibizzjoni hawn fuq imsemmi;

Illi ghalhekk l-attrici nomine kienet kostretta li titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess intimati nomine, liema mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi (Mandat Numru 37/1990) inhareg fis-6 ta' Marzu 1990 u kopja ufficjali tal-istess digriet qeghdha tigi hawn annessa u markata bhala dokument D;

TALBET, ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara illi bix-xoghlijiet li l-konvenuti nomine qeghdin jaghmlu jew jawtorizzaw li jsiru fil-fond hawn fuq imsemmi huma nomine fil-fatt okkupaw art iktar mill-porzjoni art kolpita bl-ordni ta' esproprjazzjoni hawn fuq imsemmija, kif ukoll illi huma nomine fl-esekuzzjoni tal-istess xoghol ma humiex jimxu skond il-pjanti approvati mill-Parlament u mill-awtoritajiet kompetenti f'dan ir-rigward;

2. konsegwentement tinibixxi lill-istess konvenuti nomine milli jaghmlu jew jawtorizzaw kwalunkwe xoghlijiet fuq il-parti tal-proprjeta' tal-attrici nomine li ma gietx hekk kolpita bl-ordni ta' esproprjazzjoni ghall-skopijiet pubblici kif ukoll milli ma jaderixxux irwiehhom mal-pjanti relevanti kif approvati kif ukoll milli ma jaghmlu jew jawtorizzaw li jsir l-ebda haga li biha jistghu jigu lezi d-drittijiet ta' proprjeta' tal-attrici nomine;

3. tikkundanna ghalhekk lill-istess konvenuti nomine sabiex ghar-rigward ta' dik il-parti li mhix hekk kolpita b'ordni ta' esproprjazzjoni fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom nomine prefiss jergghu jpoggu kollox fi stat pristin tieghu u dana ghas-spejjez taghhom u taht id-direzzjoni ta' perit nominat ghall-istess fini;

4. u f’kaz illi l-istess zmien jghaddi inutilment ghaliex l-istess attrici nomine m’ghandhiex tigi awtorizzata li taghmel ix-xoghlijiet hija stess a spejjez tal-istess konvenuti nomine u taht id-direzzjoni ta’ perit nominat ghall-istess fini.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni hawn fuq imsemmi (Mandat numru 37/1990) u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti nomine ghas-subizzjoni li min issa huma nomine imharka.

B’riserva ghal tal-azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici flimkien mal-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti;

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuti li eccepew:

1. li ai termini tal-Artikolu 79 tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili, Kap 12, ic-citazzjoni odjerna hija nulla stante li skond il-ligi l-imsemmija citazzjoni trid tkun iffirmata minn avukat, ma gietx iffirmata minn persuna li skond l-imsemmi Artikolu 79 hija awtorizzata li tahdem bhala avukat f’kawza ta’ din in-natura;

2. li subordinatament, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-tieni konvenut gie citat hazin peress illi t-titolu tal-Ministru responsabbli mill-Artijiet huwa l-Vici Prim’ Ministru u Ministru tal-Intern u Gustizzja u ghalhekk tehtieg li ssir il-korrezzjoni opportuna;

3. li l-pretenzjonijiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex m’hu qed isir l-ebda xoghol oltre l-limiti ta’ l-arja esproprjata kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

4. li l-konvenuti m’ghandhomx ibatu spejjez.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata flimkien mal-lista tax-xhieda.

Ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat a folio 35 in-nota tal-konvenuti li biha rtiraw l-ewwel eccezzjoni;

Rat a folio 56 in-nomina tal-Perit Godfrey Vella Baldacchino bhala perit tekniku u s-sostituzzjoni tieghu bil-Perit Joseph Mizzi (folio 84);

Rat a folio 107 r-realzzjoni tal-Perit Joseph Mizzi debitament mahlufa.

Ikkunsidrat:

Din il-kawza titratta esproprjazzjoni ta' bicca art mill-Gvern proprjeta' tal-atturi. Mir-relazzjoni tal-perit tekniku nominat jirrizulta li l-art li ttiehdet mill-Gvern kien fiha kejl ta' 12.5 metri kwadri aktar milli dikjarata fl-ordni tal-esproprjazzjoni. L-atturi pero' baqghu jinsistu li l-kejl effettivament mehud aktar kien ta' 60 metru kwadru.

Issa hu x'inhu il-kejl korrett il-partijiet waslu ghal-ftehim li jinsab esebit a folio 155 li permezz tieghu estingwew il-meritu u ttransigew l-pendenzi ta' bejnithom inkluzi l-ispejjez tal-kawza.

Il-Qorti sejra ghalhekk tadotta l-ftehim fl-integrita' tieghu u qeghdha tinkorporah bhala s-sentenza taghha kif d'altronde verbalizzat mill-partijiet. Qeghdha wkoll tiskarta t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti li qeghdha tqisha bhala li giet rinunzjata.

Il-ftehim riprodott testwalment, jghid:

"Illum 27 ta' Settembru 2003.

Permezz tal-prezenti jidhru:

Min-naha l-wahda:

Victoria Vella, xebba, bint il-mejjet Carmelo Vella u Katerina nee' Cremona, imwielda u toqghod ix-Xaghra, Ghawdex f'14, Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex u li ghandha l-karta ta' Identita' numru 71241(G) li tidher fuq il-prezenti bhala mandatarja ta' ommha Katerina Vella armla ta' Carmelo Vella bint Giusepp Cremona u Emmanuela nee' Cassar, imwieleda x-Xaghra, Ghawdex fejn toqghod.

U min-naha l-ohra s-Sur Tony Deguara, Assistant Direcotr fid-Dipartiment ta' l-Artijiet, bin il-mejjet Joseph u Josephine nee' Bonnici, imwieled iz-Zejtun u joqghod iz-Zejtun (karta ta' identita numru 91448M) u dana fil-kwalita' tieghu ta' rapprezentant tal-Kummissarju ta' l-Art.

Il-partijiet jaghmlu referenza ghall-kawza fl-ismijiet "Victoria xebba Vella noe vs Ministru ghal Izvilupp ta' l-Infrastruttura et" (Citaz. Nru. 30/90 li tinsab differita quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ghat-18 ta' Novembru 2003 u in forza tal-prezenti huma nomine qeghdin jittransigu l-kawza bil-mod segwenti:

1. Il-partijiet jaqblu li l-komparenti Victoria Vella nomine ghandha tiehu minghand il-Kummissarju ta' l-Art l-ammont ta' disat elef u disa' mitt lira (Lm9900) bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi ta' l-esproprijazzjoni ta' l-art mertu tal-kawza u ta' l-usurpazzjoni ta' porzjoni ohra mill-istess art mertu ta' l-istess kawza, liema porzjoni ma kienitx koperta bl-ordni ta' l-esproprazzjoni, u dana dejjem skond ir-relazzjoni tal-Perit Joseph Mizzi AC&E.

2. Il-partijiet jaqblu ukoll li ghandha tinghata sentenza fis-sens u fit-termini hawn fuq indikat u jaqblu ukoll li l-konvenuti l-ohra u cioe' l-Ministru ghall-Izvilupp ta' l-Infrastruttura u l-Ministru Responsabbli mill-Artijiet ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

3. Illi dwar l-ispejjez ta’ l-istess kawza, il-partijiet jaqblu li l-istess kawza ghandha tibqa’ bla taxxa bejn il-partijiet filwaqt li l-ispejjez tar-Registru jithalsu mill-attrici nomine.

(ft.) Tony Deguara (ghan-nom tal-Kummissarju ta’ l-Art)

(ft.) Av Hubert Theuma

(ft.) Victoria Vella bhala mandatarja ta’ Katerina Vella

(ft.) Av. Anton Refalo

Ghaldaqstant u in vista tal-ftehim raggunt li ghandu jifforma parti integrali ta’ din is-sentenza qeghdha tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ l-ewwel talba fil-waqt li tastjeni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talbiet l-ohra stante l-ftehim fuq riferit fejn il-partijiet qablu li l-konvenut id-Dipartiment tal-Artijiet ihallas lill-attrici fil-kapacita taghha premessa s-somma ta’ Lm9,900 bl-imghaxijiet relattivi skond il-ligi rapprezentanti l-import tal-esproprjazzjoni tal-art meritu l-kawza u l-uzurpazzjoni ta’ porzjon iehor mill-istess art kif inghad fir-relazzjoni tal-Perit Joseph Mizzi fuq imsemmija. Tiddikjara lill-konvenuti l-ohra liberati ‘*ab observantia*’. In kwantu ghall-ispejjez tal-kawza tordna li jibqghu bla taxxa bl-attrici tbati l-ispejjez tar-registru.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------